MALTA

ATT Nru. XXXIII ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.

ACT No. XXXIII of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Telemalta Corporation Act, 1975.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

26 ta' Settembru, 1986

ATT Nru. XXXIII ta' l-1986

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor.

2. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

"(2) Bla ħsara għal dawk id-direttivi li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' jagħti minn żmien għal żmien, kull dħul li jkun jeċċedi l-infieq għandu jiġi applikat minn Telemalta biex jinħolqu fondi ta' riżerva biex jiffinanzjaw espansjoni futura tal-Korporazzjoni; u bla ħsara għall-

ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru b'dan is-subartikolu, kull direttiva mogħtija mill-Ministru kif intqal qabel tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern jew l-applikazzjoni b'dak il-mod li jiġi speċifikat fid-direttiva ta' kull parti minn dak l-eċċess.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 379 ta' l-24 ta' Settembru, 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati